# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, il-Hamis, 11 ta' April, 2019**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 272/19TA**

**First Gemini p.l.c. (C-368)**

**vs**

**Mayflower Property & Co. (P 1121)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti tat-28 ta' Frar, 2019;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Frar 2019;

Rat li fis-seduta tad-9 ta' April 2019 deher Dr. Lennart Depasquale ghal-likwidatur tal-*partnership* ossia socjeta` intimata u ma opponiex ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti.

**<u>Provvediment</u>**

Ghaldaqstant fid-dawl ta' nuqqas ta' opposizzjoni da parti tal-*partnership* ossia socjeta` intimata, il-Qorti wara li rat l-artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tikkonferma d-digriet provvizorju taghha tat-28 ta' Frar, 2019, qeghdha tilqa' definittivament it-talbiet kif mitluba fir-rikors tas-socjeta` rikorrenti tal-20 ta' Frar, 2019 u tordna l-hrug tal-mandat ta' inbizzjoni opportun kontra l-*partnership* ossia socjeta` intimata sabiex tieqaf milli taghmel il-hwejjeg imsemmija fir-rikors imsemmi u cioe` milli tbiegh, tittrasferixxi jew b'xi mod iehor tiddisponi minn jew timponi xi piz jew obbligazzjoni reali jew personali fuq, jew bi kwalunkwe mod tghaddi t-tgawdija temporanja jew xorta ohra tiddisponi minn, jew timponi xi piz jew obbligazzjoni reali jew personali fuq, bi kwalunkwe mod tghaddi t-tgawdija temporanja jew xort'ohra tinnegozja, l-appartament numru 5A, formanti parti mill-korp ta' appartamenti f'Nru. 198, Tower Road, Sliema, kif ukoll ta' "the items of furniture, fixtures and fittings as per photographic inventory", li jinsabu fl-istess appartament u li huma elenkati u deskritti f'inventarju anness bhala dokument A mal-konvenju datat 3 ta' Ottubru 2018 u mmarkat bhala Dok. "X" a` fol 3 ta' dawn il-proceduri.

Tordna n-notifika ta' dan id-digriet lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lir-Registratur tal-Artijiet.

Spejjez ta' dawn il-proceduri a karigu tas-socjeta` intimata.

**Moghti kameralment illum 11 ta' April, 2019.**

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**